A.L. 302 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Inġinerija, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Inġinerija, ippubblikati bħala Avviż Legali 184 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-kosijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Iż-żieda ta' l-ordinament 10 ma' l-ordinamenti prinċipali

3. Wara l-ordinament 9 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jiżdied l-ordinament 10 li ġej:

"10. Il-grad ta' "Għadda" Bachelor of Technology – B.Tech. – għandu jingħata lil student li ma jikkwalifikax għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) – iżda li jikseb mill-anqas 180 kredtu, ħlief jekk l-istudent huwa eliġibbli u jagħżel li jirrepeti r-raba' sena tal-Kors."

L.N. 302 of 2006

EDUCATION ACT
(CAP. 327)

Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) under the auspices of the Faculty of Engineering

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30(5) and 31(6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Engineering in virtue of the powers conferred upon it by section 37(1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by section 37(2) of the said Act:

Citation

1. These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Engineering, and shall be read and construed as one with the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Engineering, published as Legal Notice 184 of 2005, hereinafter referred to as "the principal bye-laws".

Applicability

2. These bye-laws shall be applicable for courses starting in October 2003 or later.

Addition of bye-law 10 to the principal bye-laws

3. The following bye-law 10 shall be added after bye-law 9 of the principal bye-laws:

"10. A Pass degree of Bachelor of Technology – B.Tech. – shall be awarded to a student who does not qualify for the award of the Bachelor of Engineering (Honours) – B. Eng. (Hons) degree but who obtains a minimum of 180 credits, unless the student is eligible and opts to repeat the fourth year of the Course."

B 4154

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) Valletta - *Published by the Department of Information - (doi.gov.mt) - Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern - *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 8ċ - *Price 8c*